MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 294/2002

Il-Pulizija
(Spettur P. Bond)
Vs
Norbert Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xhur ta' Lulju 2002 u Awissu 2002, ghalkemm ordnat jaghmel dan b'kuntratt tas-separazzjoni konsenswali in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', datat 6 ta' Gunju 1996, naqas milli jhallas lil Sharon Mifsud il-manteniment dovut lilha w lil binha minuri fl-ammont ta' Lm25 fil-gimgha bil-quddiem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9, sabitu hati ta' l-

akkuza kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (LM25).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza w tilliberah minn kull piena w htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-Qorti applikat l-emendi tal-ligi rigward il-hlas tal-manteniment retroattivament meta fil-fatt l-emenda ma jaghtux dan id-dritt ; li l-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet gie ffirmat fis-6 ta' Gunjnu, 1996 u kien miftiehem bejn il-partijiet mhux a bazi ta' digriet tal-Qorti. Li l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 338 (z) tal-Kap.9 biex tigi sodisfatta kondizzjoni f'kuntratt li gie ffirmat sitt snin qabel ma giet emendata l-istess ligi liema kuntratt hu ta' dejn civili. Li ma hemm xejn f'dawn l-emendi tal-Kodici Kriminali li jghid li dawn l-emendi japplikaw retroattivament u li bix-xiehda biss tal-kwerelanti Sharon Mifsud , il-Qorti ma kellhiex stampa cara quddiemha tac-cirkostanzi w ragunijiet ghaliex l-appellant ma kienx qed ihallas il-manteniment .

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2003 , fejn l-abbli difensur irrimetta ruhu ghall-atti tar-rikors;

Semghet lil Sharon Mifsud li kkonfermat li ma kienx thallas lilha l-manteniment dovut ghall-periodu imsemmi fic-citazzjoni w li sal-lum, ghalkemm l-ammont in kwistjoni kien thallas lilha biss fil-mori tal-appell u precizament fl-20 ta' Frar, 2003, l-appellant kien ghad ghandu hafna hlas lura ta' manteniment minn Settembru, 2002 sal-lum.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar it-tieni aggravju ftit hemm x'wiehed jghid . Xehdet biss Sharon Mifsud u mix-xhieda taghha mhux kontradetta jirrizulta b'aktar mod lampanti li l-manteniment dovut ghall-

periodu imsemmi fic-citazzjoni ma kienx thallas fiz-zmien moghti mill-ligi tant li issa thallas fil-mori tal-appell u precizament fl-20 ta’ Frar, 2003 . Lanqas ma ngabet xi prova ta’ xi impossibilita’ fizika li seta’ kellu l-appellant biex jottempera ruhu mall-kondizzjoni tal-kuntratt da parti tal-appellant . Ghalhekk dan l-aggravju mhux biss huwa nfondat imma wiehed fieragh .

Illi dwar l-aggravji l-ohra li fil-fatt jikkostitwixxu aggravju wiehed , huwa minnu li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet kien gie pubblikat fis-6 ta’ Gunju, 1996 . Huwa minnu wkoll li l-artikolu 338 (z) tal-Kap.9 kien gie emendat bl-Att III tas-sena 2002 biex johloq kontravvenzjoni anki fil-kaz ta’ persuna li tinsab hatja talli, meta tkun marbuta b’kuntratt , tonqos li taghti lil martu somma stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak il-kuntratt ikollha jhallas dik is-somma. Din l-emenda dahlet in vigore  fl-1 ta’ Mejju, 2002. Qabel din id-data w sa mill-1986 il-kontravvenzjoni kienet tkopri biss kazijiet ta’ persuni li ma jhallsux tali manteniment li jkun iffissat b’ordni ta’ xi Qorti.

Issa huwa car mill-kliem tal-artikolu 338 (z) kif emendat li l-ligi ma tiddistingwix bejn meta jkun inghata l-ordni tal-Qorti jew meta jkun gie ppublikat xi kuntratt bejn il-partijiet u, indipendentement minn meta jkunu saru tali ordni jew kuntratt, il-ksur tal-ligi li jkun sar wara li dahlet in vigore l-emenda huwa dejjem reat . Hawn non si tratta ta’ l-holqien ta’ xi  reat b’mod retrospettiv biex ikopri xi agir li jkun sar qabel ma dak l-agir ikun sar reat .  Li hu antecedenti ghall-introduzzjoni tar-reat kontravvenzjonali hija l-obbligazzjoni civili naxxenti mill-kuntratt . Tali obbligazzjoni ghandha effetti civili li jaghtu lok ghall-esekuzzjoni taghha f’kaz li ma tigix esegwita . Izda l-legislatur ried ukoll li l-ksur ta’ tali obbligazzjoni , twieldet meta twieldet , jikkostitwixxi reat kontravvenzjonali jekk tali KSUR isir WARA  li tkun dahlet in vigore l-emenda. Ghalhekk hu ovvju li bhala bazi ghall-ewwel aggravju tieghu , l-appellant qed jikkonfondi z-zmien meta twieldet l-obbligazzjoni civili maz-zmien meta tali obbligazzjoni tkun inkisret u meta allura jitwieled ir-reat kontravvenzjonali .

Kieku din l-interpretazzjoni konfuzjonarja w anti-guridika tal-appellant kellha tigi accettata , nigu f’sitwazzjoni fejn ksur ta’ ordnijiet tal-Qrati ghall-hlas ta’ manteniment li saru pre 1986 u stipulazzjonijiet kuntrattwali ghall-hlas tal-istess li jkunu saru pre 2002 , ma jaghjtix lok ghall-prosekuzzjoni tar-reat fil-waqt li ksur ta’ ordni jew kuntratti sussegwenti ghal dawn id-dati rispettivi jaghti . Sitwazzjoni din li tohloq diskriminazzjoni kontra il-partijiet li kellhom ordijiet tal-Qrati w kuntratti li jistiplulaw li ghandhom jircevu manteniment li jirrisalu ghal qabel id-dati tal-emendi rispettivi w dawk li ghandhom favur taghhom tali ordijiet tal-Qorti jew stipulazzjonijiet kuntrattwali li saru wara d-dati tal-emendi . Zgur li dan ma kienx l-ghan tal-legislatur li ried li jdahhal is-sanzjoni penali biex trazzan il-prassi li kull ma tmur kienet qed tifrex li persuni ordnati mill-Qrati jew marbuta b’kuntratti li jhallsu manteniment lill-konjugi jew lill-uliedhom kienu qed jonqsu li jaghmlu dan impunement.

Ghalhekk anki dan l-aggravju hu manifestament infondat u fieragh .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed jigi konfermata fl-intier taghha . Minhabba li din il-Qorti tirritjeni li dan l-appell huwa wiehed fieragh ,wara li rat l-artikolu 429 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , qed tikkundanna lill-appellant ghall-hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda oltre l-piena li hu gie kundannat ghaliha mill-Ewwel Qorti, pagabbli minnufieh u, fin-nuqqas, din l-ammenda tkun konvertibbli f’ hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------